# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2001

Citazzjoni numru 2048/00 AJM

Kawza numru 35

Roger Azzopardi u martu Dolores ghal kull interess li jista' jkollha

Vs

Sean Bradshaw f'ismu proprju u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' kummercjali Falbra Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-28 ta' Settembru 2000 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi huma ghandhom jiehdu minghand il-konvenut proprio et nomine is-somma ta' elf u hames mitt lira maltin (LM1,500.00) bilanc minn somma akbar ta' tlett elef lira maltin (LM3,000) rappresentanti self li sar permezz ta' zewg skritturi, wahda datata 19 ta' Frar 1993 ghas-somma ta' LM1,000 u l-ohra datata 23 ta' Frar 2000 ghas-somma ta' LM2,000; illi l-konvenut proprio et nomine

hallas, dejjem bhala parti mis-somma tlett pagamenti u cioe l-ammont ta' LM750 fid-19 ta'Mejju 1999, l-ammont ta' LM300 fl-10 ta' Settembru 1999 u l-ammont ta' LM450 fis-6 ta' Novembru 1999; illi l-konvenut porprio et nomine hallas l-imghaxijiet legali mid-data tal-iskritturi hawn fuq riferiti sa l-ahhar ta' Jannar tas-sena 1999; illi meta interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra interpellatorja tas-17 ta' Frar 2000 u ohra ufficjali tas-7 ta' Lulju 2000, il-konvenut pro et noe baqa' inadempjenti; illi l-ammont huwa wiehed cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 – 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz illi l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghal din l-istess talba; talbu li din il-Qorti:-

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 – 170 tal-Kap 12;
2. tikkundanna lill-istess konvenut pro et nomine ihallas lill-atturi s-somma imsemmija ta' LM1,500.

Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena 1999 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut pro et noe li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2000 meta l-konvenut inkwantu mharrek ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ammetta t-talba attrici u nkwantu mharrek personalment talab li jinghata l-fakolta' li jikkontesta t-talba attrici billi ma ghandu ebda interess fil-kawza. Din it-talba giet milqugha.

Rat in-nota tal-konvenut proprio presentata fis-6 ta' Novembru 2000 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet ta' l-atturi fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress illi l-konvenut ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi stante illi huwa deher fuq l-iskritturi bhala direttur tas-socjeta' Falbra Limited u mhux f'ismu proprju u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenut proprio.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u rat il-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Frar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Il-proceduri fil-konfront tas-socjeta' Falbra Limited huma ammessi u ghalhekk din il-Qorti sejra tipprovdi fil-konfront taghha kif sejjer jingahd hawn taht.

Dwar it-talba fil-konfront tal-konvenut Sean Bradshaw ghandu jigi rilevat li dawn il-proceduri gew istitwiti a bazi ta' zewg skritturi ta' mutwu imsemmija fic-citazzjoni u ezebiti mill-atturi. Minn ezami ta' dawn id-dokumenti jidher mill-ewwel car li r-relazzjoni kuntrattwali li inholqot bis-self imsemmi fic-citazzjoni kienet bejn l-attur Roger Azzopardi u s-socjeta' Falbra Limited billi hija din l-istess socjeta' li tissemma bhala l-mutwatarja u l-istess Bradshaw iffirma f'isem l-istess socjeta'. Il-fatt li

l-istess Bradshaw seta' ghamel xi pagamenti akkont tal-ammont dovut minn fuq il-kont personali tieghu ma jbiddilx ir-relazzjoni naxxenti mill-istess skritturi u bl-ebda mod dawn il-pagamenti ma jaghmlu lill-istess konvenut responsabbli personalment ghad-dejn tas-socjeta' minnu rappresentata. L-attur kien jaf ma min qed jinnegozja u ghalhekk illum ma jistax, anke jekk jirrizulta li hemm inkwiet bejn is-socji tal-Falbra Limited, jindirizza l-pretensjonijiet tieghu kontra terz. (Vide f'dan ir-rigward Zammit vs Frendo Azzopardi dec. 16.5.43 Vol XXI.III.257).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Sean Bradshaw fil-kapacita' tieghu personali u b'hekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, in vista ta' l-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tilqa t-talba attrici fil-konfront taghha biss bl-imghax legali kif mitlub.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta hlief ghal dawk li jikkoncernaw lil konvenut Sean Bradshaw personalment li ghandhom jithallsu mill-atturi.

Onor Imhallef Albert J. Magri